KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 05/8/194/19

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 05

*L-Erbgħa 13 ta' Novembru 2019*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgħa 13 ta' Novembru 2019. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros - *Kunsilliera* |
| | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsillier Bartolo talab illi jkun skużat minħabba li kien xogħol. Il-membri qablu li jkun skużat.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr. 04 ġew approvati *nem com.*

2.2. B'referenza għall-Jum Paola is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi għall-benefiċċju tal-minuti, l-unuri li ingħataw din is-sena wara li anke kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera kienu dawn:

2.2.1. **Rikonoxximenti**:

- Robert Meli- għall-ħidma volontarja fil-Paola Boċċi Club u fil-parroċċa Kristu Re, Paola
- Anthony Boffa- għall-impenn tiegħu fil-komunità ta' Paola
- Jade Domenici- fl-okkażjoni tas-suċċessi miksuba fl-isfilati tal-immudellar
- Wendy Amber Pace- fl-okkażjoni tas-suċċessi miksuba fl-isport tal-kick boxing.
- Enriko Manicaro- fl-okkażjoni tas-suċċessi miksuba fl-isport tar-Wrestling.
- Bernard Lynch-Eks Kunsillier
- Roderick Spiteri- Eks Sindku u Kunsillier
- Tyrone Muscat- Eks Kunsillier
- Nicholas Seychell- Eks Kunsillier

**Ġieħ Paola**- Dun Mark Andre Camilleri

2.3. Dwar Jum Paola is-Sindku xtaq jirringrazzja lil kull min ta sehmu fl-organizzazzjoni però iddispjaċih dwar is-seating tal-knisja li ma kienx organizzat tajjeb b'mod speċjali fejn ipoġġu l-membri parlamentari. Il-Viċi Sindku qal li huwa kien tkellem mas-Sagristan dwar dan però mid-dehra għamel reserved biss naħa waħda.

## 3. Korrispondenza

3.1. Ittra mingħand *The Notebook Centre* dwar inizjattiva li l-Kunsill jista' joffri lir-residenti li jinkludi fost l-oħrajn formatting tal-laptops/kompjuters tagħhom. Dan servizz li jiswa lill-kunsill €5,000 fis-sena. Il-membri iddiskutew din l-offerta u qablu li għandom jintalbu kwotazzjonijiet oħra u f'każ li l-offerti jkunu għola nagħżlu din l-offerta.

## 4. Laqgħa tal-lokalita-Estimi finanzjarji 2020

4.1. Is-Sindku qal illi l-attendenza għall-din il-laqgħa kienet waħda aħjar mis-soltu fejn anke r-residenti kienu parti mid-diskussjoni. Il-membri ħadu wkoll nota tas-suġġerimenti li twasslu.

4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-membri il-baġit għas-sena 2020 kif ukoll ir-rapport ta' kull kwarta ta' Settembru 2019 li juri figuri tassew pożittivi. Il-Kunsillier Axisa xtaq illi hawnhekk jirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tat-tmexxija pożittiva u tajba fil-finanzi tal-Kunsill. Wara li ddiskutew il-figuri il-membri approvaw dawn ir-rapporti finanzjarji.

## 5. Attivitajiet

5.1. Is-Sindku informa lill-membri illi l-*bookings* għall-weekend break sejrin tajjeb u żied illi qed tiġi organizzata wkoll ħarġa għat-tfal fit-3 ta' Jannar. Is-Sindku informa wkoll lill-membri bid-dettalji tal-attività tal-Milied f'Casal Paola u fakkar ukoll fl-attivitajiet kif imsemmija fl-aħħar lagħqa.

## 6. Tiżjin tal-Milied

6.1. Is-Sindku informa lill-membri illi saru diskussjonijiet mal-għaqdiet dwar it-tiżjin tal-Milied. Hawnhekk is-Sindku ppropona li terġa issir il-kompetizzjoni tat-tiżjin bħas-sena l-oħra bil-premju jkun ta' €1,000 għall-isbaħ triq u €1,000 għall-isbaħ pjazza. Ir-rebbieħ ikun magħżul minn ġurija professjonali u indipendenti. Il-membri qablu ma dan kif ukoll illi jingħata wkoll sussidju għall-armar bħas-snin preċedenti lill-għaqdiet li jarmaw bl-ammont totali ikun ta' €5,000.

## 7. *Offerti*

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-membri ir-rapporti ta' evalwazzjoni marbuta mal-offerti tal-perit u tal-vertival Garden. Il-membri approvaw li jagħtu dawn l-offerti skond ir-rakkomandazzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni.

## 8. *Leasing* ta' Vettura

8.1. Is-Sindku informa lill-membri illi wara diskussjoni li kellu mal-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-użu tal-vettura tiegħu personali għal-laqgħat, l-istess President ssuġġerixxa li l-Kunsill ikollu vettura *leased* għall-użu marbut mal-ħidma tas-Sindku u tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-membri iddiskutew dan u approvaw li tiġi *leased* vettura għall-użu tal-Kunsill mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 9. Komunikazzjoni mis-Sindku

9.1. Is-Sindku informa lill-membri illi talab laqgħa mal-Konsulent tal-Kunsill Dr. Malcolm Borg kif ukoll mal-Kunsillier responsabbli mill-Proġetti tal-Unjoni Ewropea Steven Axisa fejn fl-istess laqgħa ġiet diskussa l-possibilità li isir xogħol fuq il-Palazz Perellos bil-proġett Efforts li qed issir l-applikazzjoni tiegħu bħalissa. Il-membri iddiskutew dan f'aktar dettall u qablu li l-Kunsill jipparteċipa f'diskussjoni li ser tkun qed issir b'rabta mal-proġett Efforts fil-Belġju fejn flimkien ma' Dr. Borg jattendu wkoll l-Kunsillier responsabbli minn Proġetti Ewropej Steven Axisa u l-Kunsillier responsabbli mill-Patrimonju Lokali Yvonne Arqueros.

9.2. Is-Sindku qal li talbuh persuni li joqgħodu fl-akwata taċ-ċimiterju sabiex jingħata isem għall-isqaq fid-dawl li qed ikollhom problemi bil-posta. Il-membri qablu li issir verifika ta' dan mal-Kumitat għat-Tismija tat-toroq u jekk ikun hemm meħtieġ li jingħata isem jintuża l-isem kif ssuġġerit mill-storiku Alfred Ellul Galea f'laqgħat preċedenti.

*Il-Kunsillier Axisa telaq mil-laqgħa.*

## 10. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

10.1. Il-Viċi Sindku xtaq jirrimarka illi fid-dawl li instema fil-media li jinbena ħabs ġdid f'post ieħor ikun għaqli jekk il-Kunsill jissuġġerixxi illi din l-art kieku tintuża għall-parkeġġ. Il-Viċi Sindku xtaq ukoll talab li jitneħħew blokok li hemm fis-suq sabiex jitneħħew. Is-Sindku irrimarka li dwar il-blokok ser ikompli jiġri wara l-kuntrattur sabiex jitneħħew. Dwar l-ispazju tal-ħabs is-Sindku qal li l-ewwel wieħed irid jara li jekk ser jikber il-ħabs jew isir xi ħaġa l-importanti huwa li ma titteħidx iktar art mingħand il-poplu Pawlist.

10.2. Il-Kunsilliera Delezio qalgħet li hemm bżonn titranġa l-funtana għax qed joħroġ ħafna ilma fil-pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hemm *sensor* li jirregola l-pressa u ser jara kif jista' jitranġa. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet ukoll dwar is-servizz ta' trasport għar-residenti. Is-Sindku qal li qed nistennew l-iskema tan-Norway Grants toħroġ sabiex umbagħad issir l-applikazzjoni. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet ukoll dwar il-fuljett tal-Kunsill għal żmien il-Milied. Is-Sindku infurma li normalment kien qed jinħareġ fuljett bl-attivitajiet tal-kunsill minflok dak li kien qed isir qabel minħabba l-ammont ta' xogħol li hawn fl-uffiċju.

## 11. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

11.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 05 għas-somma ta' €71,023.12.

## 12. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

12.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:00pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 18 ta' Diċembru 2019.

12.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 18 ta' Diċembru 2019.

**IFFIRMATA**

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

**IFFIRMATA**

Dominic Grima
Sindku